**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 130/2019 AL

**A B**

**vs**

**C B,**

**D E,**

**Dr Christopher Chircop u l-PL Peter Sammut b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2019 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri F B, u**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża*

1. *Illi l-esponenti A B u l-intimat D E jinsabu f'relazzjoni li minnha fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) twieldet il-minur F B;*

2. *Illi l-esponenti A B prezentement tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni minn ma' zewġha l-intimat C B;*

3. *Illi peress li l-esponenti A B għadha legalment mizzewġa lill-intimat C B, il-minuri ġiet awtomatikament reġistrata fuq l-intimat C B u dan hekk kif jirrizulta miċ-ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat bħala Dok. A;*

4. *Illi b'danakollu meta l-minuri F B ġiet ikkonċepita, l-esponenti A B u l-intimat C B kienu diga mifruda de facto u matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonċiljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-esponenti A B u l-intimat C B;*

5. *Illi għalhekk l-intimat C B ma jistax ikun missier il-minuri F B b'dan li l-minuri F B hija bint l-intiat D E, u dan peress illi fiz-zmien meta listess F ġiet ikkonċepita, l-intimat D E u l-esponenti A B, kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi għadha għaddejja sal-lum;*

6. *Illi ma hemm l-ebda dubju u, oltre minn hekk, ma tezisti assolutament l-ebda kontestazzjoni mill-intimat D E illi missier it-tarbija huwa proprju l-istess intimat D E;*

7. *Illi l-esponenti qiegħda minn issa tiddikjara d-disponibiita' tagħha għal kwalsiasi testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi rikjesti mil-Liġi u minn din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-esponenti;*

*Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri*

9. *Illi minkejja diversi tentattivi da parti l-esponenti sabiex il-minuri tiġi reġistrata bħala bint l-intimat D E mingħajr il-ħtieġa tal-intavolar tal-kawza odjerna, inkluz permezz tal-ittra uffiċjali bin-numr 1128/2019, l-intimat C B baqa' sal-aħħar juri nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa, u dan biss sforz il-pika u t-testardaġni tiegħu mnebbħa mill-kontestwali proċeduri ta' separazzjoni;*

10. *Illi l-esponenti għandha interess li jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri F B;*

11. *Illi kien għalhekk li kellha ssir din il-kawza;*

*Talbiet*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa u opportuna, sabiex jogħġobha:*

(I) *Tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-missier naturali tal-minuri F B huwa l-intimat D E;*

(II) *Tiddikjara li l-intimat C B ma hux il-missier naturali ta' F B;*

(III) *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-minuri F B, sabiex il-paternita' ta' l-istess minuri tiġi korrettement rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid, billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettaji tal-missier, ossia tal-intimat C B, l-istess dettalji jiġu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali u cioe' D E;*

(IV) *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-minuri F B sabiex il-kunjom tal-istess F B jiġi korrett billi l-kunjom tal-missier prezentement indikat bħala 'B' jiġi sostitwit bil-kunjom tal-missier naturali tal-minuri u cioe 'E';*

*(V) Tagħti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-oħra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-rikors tal-attriċi ta' nhar is-27 ta' Mejju 2019 fejn talbet lill-Qorti sabiex tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi u l-jeddijiet tal-minuri F B fil-proċeduri odjerni,[2] u konsegwentament permezz ta' digriet datat 23 ta' Ottubru 2019,[3] il-Qorti nnominat lill-Avukat Christopher Chircop u lill-Prokuratur Legali Peter Sammut għal tali fini;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[4] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti - u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi l-esponent jeċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri F B, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat C B bħala l-missier naturali*

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 10.
[4] Fol. 29.

*tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil D E sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji tiegħu u cioe': (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieldet F B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) l-isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel il-kliem "C B", senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom jiġu kanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri F B;*

7. *Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jigi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat in-nota ta' D E, fejn jiddikjara li jaqbel mat-talbiet tal-attriċi u jikkonferma li l-minuri F B hija bintu;[5]

[5] Fol. 33.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[6] fejn eċċeppew:

1. *Illi hija r-rikorrenti li ghanda l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti intimat huma fondati.*

2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat illi l-konvenut C B ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar it-18 ta' Frar 2020,[7] u li ma pprezenta l-ebda risposta entro t-terminu ta' għoxrin jum ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant fil-proċeduri istanti, il-konvenut C B jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, bin-numru progressiv 2605 tas-sena 2019;[8]

Rat l-affidavit tal-attriċi;[9]

Rat in-nota tal-attriċi, permezz ta' liema ġew ikkonfermati d-dettalji kollha tal-konvenut D E;[10]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li ġie maħluf u pprezentat nhar it-2 ta' Marzu 2021, li miegħu hemm anness ir-rapport tat-test xjentifiku fejn jiġi kkonfermat

---

[6] Fol. 35.
[7] Fol. 8a.
[8] Fol. 6.
[9] Fol. 42.
[10] Fol. 48.

illi D E huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri F B, filwaqt li fl-istess rapport C B jiġi eskluz milli jkun il-missier naturali;[11]

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2020, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;[12]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. *L-Azzjoni Odjerna:*

Fir-rikors ġuramentat, l-attriċi tikkontendi li hi mizzewġa lil C B, izda li minnu tinsab separata *de facto* u għaddejja bi proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qrati nostrana. Nelfrattemp, l-attriċi bdiet relazzjoni extra-maritali ma' D E, u minn tali relazzjoni ġiet imnissla u mwielda l-minuri F B. Fil-fatt kemm l-attriċi u kif ukoll D E jikkonfermaw illi l-imsemmija minuri hija l-wild naturali u bijoloġika tal-konvenut E. Madanakollu u ġialadarba l-attriċi hija mizzewġa lil C B, il-minuri ġiet imnizzla bħala bint C B u dan fid-dawl tal-prezunzjoni legali illi l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi. Għaldaqtstant, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri F B ma hijiex il-wild naturali u bijoloġika ta' C B izda li hi l-bint ta' D E, u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tal-minuri sabiex l-istat veru tal-minuri jiġi rifless.

Għal tali talba, il-konvenut D E pprezenta nota fejn iddikjara li qiegħed jaqbel mat-talbiet kif dedotti, u min-naħa l-oħra C B minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors promotur, huwa naqas milli jwieġeb u b'hekk jinsab fi stat ta' kontumaċja. Magħdud ma' dan, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-minuri u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, wieġbu għar-rikors ġuramentat tal-attriċi, fejn

[11] Fol. 51.
[12] Fol. 40.

issollevaw numru ta' eċċezzjonijiet sabiex b'hekk il-proċedura legali tkun segwita *in toto*, filwaqt li t-tnejn iddikjaraw li ma huwiex edotti mill-fatti kif dikjarati mill-attrici omm.

2. *Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi"* u huwa proprju minħaba tali prezunzjoni legali li l-minuri ġiet imnizzla bħala l-wild ta'C B, ċjoe' zewġ l-attriċi A B. F'dan l-istadju, l-attriċi qiegħda titlob illi l-Qorti tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa D E, minnflok C B. In vista tal-fatt illi, l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-omm u kif ukoll li l-minuri ġiet imnissla u mwielda fi zmien meta l-istess omm kienet mizzewġa lil C B, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbazata fuq l-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. *L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-attriċi hekk imsejsa fuq Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn qiegħda tintalab minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali rigward il-paternita' tal-minuri F Azopardi, fis-sens illi m'hijiex il-wild naturali ta' zewġ l-omm C B izda hija l-wild naturali ta' D E.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassa ta' nhar it-2 ta' Marzu 2021, fejn ġie ddikjarat li ħadet il-kampjuni orali tal-omm A B, l-allegat missier D E, zewġ l-omm C B u l-minuri F B, u dan sabiex it-test xjentifiku jkun jista' jsir u tasal għal konkluzjoni dwar il-paternita' tal-minuri. Fil-fatt Dr Marisa Cassar permezz ta' rapport xjentifiku, ikkonkludiet illi t-test tad-DNA irrizulta illi D E, detentur tal-Karta tal-Identita' 531890M huwa l-missier naturali tal-minuri F B. Għaldaqstant dan jikkonferma illi t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġsitru Pubbliku u l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati ġew sorvolati, stante li kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

Fir-rigward tad-dettalji tal-konvenut D E u kif ukoll il-kunjom tal-minuri, u dan b'referenza għar-raba' u ħames eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi dawn ġew sorvolti ukoll. Illi mill-atti tal-kawza odjerna jidher li d-dettalji tal-konvenut E ġew iddikjarati permezz ta' nota, li huma: (i) Isem u kunjom – D E, (ii) In-Numru tal-Karta tal-Identita' – XX, (iii) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri – 28 SENA, (iv) Il-post tat-twelid tiegħu – PIETA', (v) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet il-minuri – SIĠĠIEWI, (vi) Isem u kunjom Missieru – D G E, (vii) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri – IVA.

Magħdud mal-premess, u fir-rigward tal-kunjom jidher li x-xewqa tal-omm u kif ukoll tal-missier hija li l-minuri tassumi l-kunjom *'E'*. Il-Qorti tinnota illi l-kuraturi deputati għan-nom tal-minuri, f'dan ir-rigward ma ddikjaraw xejn. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-aħjar interessi tal-minuri, din tal-aħħar għandha tassumi l-kunjom *'E'*.

Fl-aħħar nett u fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, l-attriċi tikkontendi illi *"dawn l-ispejjez li għamilna stajna faċilment evitajnihom kieku C B aċċetta li nagħmlu l-proċedura inizjali u cioe dik li ġiet suġġerita lilna fil-bidu nett mir-Reġistru*

*Pubbliku. Sfortunatament, l-għira, il-pika u l-karattru diffiċli ta' C kien proprju dak li wassal għal dawn l-ispejjez kollha u għall-ħafna ħela ta' ħin f'proċeduri zejda l-Qorti. Għalhekk, intenni li C Azzopari għandu jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri".*[13] Il-proċedura li għaliha qiegħda tagħmel referenza l-attriċi hija dik kif stipulata f'Artikolu 280 tal-Kodiċi Ċivili, li jaqra:

*"(1) Jekk it-tarbija titwieled minn persuna miżżewġa, isem il-konjuġi l-ieħor għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-ġenitur, għad illi jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, bla ħsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux –*

*(a) jekk il-konjuġi l-ieħor, fiż-żmien kollu tat-tliet mitt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil-ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, minn, għall-anqas, żewġ persuni ta' fiduċja;*

*(b) jekk il-konjuġi l-ieħor, għaż-żmien kollu hawn fuq imsemmi, ikun għex mifrud legalment mill-konjuġi li willed lit-tarbija; jew*

*(ċ) jekk qabel jingħata l-avviż tat-twelid ir-raġel u l-mara flimkien jiddikjaraw bil-miktub u b'ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li matul il-perjodu sħiħ tat-tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **G Chircop pro et noe vs Paul Zahra et**,[14] fejn iċ-ċirkostanzi kienu simili għal dawk odjerni u ġie mgħallem illi:

*"Skont l-artikolu appena citat kien possibbli li din il-kawza tigi evitata kieku l-konvenut D attenda ghall-appuntament quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni tal-Atti Notarili. Matul it-testimonjanza tieghu il-konvenut G D jammetti li kien avzat bl-*

[13] Fol. 44.
[14] Deċiża nhar id-29 ta' Ottubru 2015 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), mhux appellata, (Rikors Numru 77/2014RGM).

*appuntament u li ma kienx attenda peress li ma dehrlux li kellu jattendi peress li kien li hu mhux missier it-tarbija. Fil-fehma tal-Qorti ir-raguni migjuba mill-konvenut D ghaliex m'attendiex ghas-seduta quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni ta' Atti Nutarili ma hiex raguni valida. Ladarba kien cert li ma kienx missier it-tarbija kien fid-dover li jattendi ghal tali seduta sabiex ismu jigi kancellat minn fuq l-att tat-twelid tat-tarbija u b'hekk tigi evitata l-kawza li l-attrici kienet kostretta li tistitwixxi b'rizultat tan-non koperazzjoni tal-konvenut D. Huwa evidenti illi kieku l-konvenut D ikkopera mal-attrici din il-kawza kienet tigi evitata kif kienu jigu evitati wkoll l-ispejjez relativi. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-konvenut G D".*

Fil-kaz odjern jirrizulta illi: (i) intbgħatet lill-konvenut ittra bonarja nhar id-9 ta' Marzu 2019, fejn ġie infurmat illi tista' tiġi segwita l-proċedra surreferita u b'hekk jiġu evitati proċeduri ġudizzjarji,[15] u (ii) intbgħatet lill-konvenut ittra uffiċċjali nhar is-27 ta' Marzu 2019, fejn ġie interpellat sabiex isiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa fir-rigward tal-minuri.[16] Madanakollu jidher illi l-konvenut ma kkooperax. Fil-fatt il-Qorti tara li tali komportament jirrizulta ukoll fil-proċeduri odjerni, fejn il-konvenut lanqas biss ittenta jressaq il-verzjoni tiegħu u jagħti raġuni valida għaliex ma kkopperax. B'hekk il-Qorti ma tarax li ma għandhiex tiddeċiedi li fiċ-ċirkostanzi odjerni l-ispejjez ġudizzjarji ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-konvenut C B, hekk kif huwa evidenti li tali proċeduri setgħu jiġu evitati.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri F B huwa D E detentur tal-karta tal-identita' bin-numru XX;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi C B detentur tal-karta tal-identita' bin-numru XX ma huwiex il-missier naturali tal-minuri F B;

[15] Fol. 7.
[16] Fol. 8.

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba, u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' F B, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 2605 tas-sena 2019 sabiex b'hekk jiġi rifless illi l-missier naturali tal-minuri huwa Jospeh E; tordna ukoll illi l-kunjom tal-minuri mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jkun dak ta' *'E'*;

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba.

Bl-ispejjez, inkluz dawk peritali tat-test xjentifiku, kontra l-konvenut C B.